# ĠRAJJET TROJJA

Maqluba għall-Malti

Mill-Iliad ta' Omero

*Minn* Louis Azzopardi

## L-EWWEL TAQSIMA

VERSI 1...........247.

Il-maqdur għadab int, O Musa, għannili
T'Akille, bin Pelew, li fost il-Griegi
Il-mewt u n-niket nissel; nies qalbiena
Bikrin iġġarrfu fl-Orku w fl-art mitluqa
Ġisimhom tmermer, għalf moqżież għall-isqra
U 'l-klieb imġewħa! Hekk kien amar Ġove
Mill-qċaċet ta' Olimpus, malli sfieqi
Tilwim għejjur u mgħajjeb fired ħesrem
Il-kbir sultan Atrew mill-alla Akille.
U liema fost l-allat għellithom? Iben
Latona w Ġove. Tgħaddab wisq għal Ġove
Apollo, u t-tined niġġes b'mard qerriedi.
U bdew imutu n-nies. T'Atrew il-ħtija,
Għax mħanfes, żeblaħ kien in-nabi Krise.
Moqbejl mar Krise jżur lix-xwieni lventi
Tal-Griegi miġburin, biex fis lil bintu
Minn jasar aħrax jifdi. F'idu t-terħa,
B'debbus imdieheb tal-qawwas Apollo
Il-Griegi kollha talab, iżda qabel
Lill-oħla żewġ mexxejja fost il-ġemgħa
"Ja Griegi" qal "J'Akej imxeddin sdvali,
Dejjiema lilkom tas-smewwiet l-għammara
Ta' Priamu jgħinu ħalli tirbħu
Il-belt, u rebbeħin toħorġu bilġri.
Jaħasra! Agħtuni lill-maħbuba binti!
Kemm tridu tagħha nagħti, u l-qawwasi
Bin Ġove, ilkoll annuna nqimu. Talbtu
Instemgħet bla mistoqsi w ġiet milqugħa.
Infexx kull fomm igħajjat: "Dan jistħoqqlu
Li ntuh kull ġieh, u nilqgħu t-tinwil xieraq".
Xejn iżda talbtu għall-fehma t'Agamemnon
Ma kienet f'waqtha. Kollu mqit u kburi
Keċċieh dikment, u mħanfes, qabad jgħajru.
"Ja xwejjaħ, tħallinix biswit ix-xwieni
Kemm issa w għall-ġejjieni narġa' nilmħek,
Għax qed nitħasseb x'jiswa 'd-debbus t'idek,
U t-terħa t'alla tiegħek. Xejn tittama

Li x-xbejba għad tinfeda. Bogħod minn artha
Imkissra f'Argo tkun fix-xogħol ta' dejri
Sakemm titkarmas fi xjuħija mqarqċa,
U tedha mħammda thejji soddti rjali.
Iss' itlaq, tgħaddabnix, jekk tixtieq darek".
Ix-xwejjaħ r'għex u tkexkex. Fis għall-amar
Fuq sidru dlonk ir-ras qotnija miegħel,
U mbikkem qarreb lejn il-plajja mwarrba
Għall-frugħa mqallba w mraxxa b'mewġ felħani.
U meta tbiegħed, lill-meqjum Apollo,
It-tifel ta' Latona, b'ħerqa talab.
"O alla ta' l-imfidded qaws, li Krisa
U s-sbejħa Ċilla tħares; int ta' Tendu
Sultan felqan, minn Sminte, iddew ismagħni!
Jekk dejjem b'ħodon ward għad-debħiet tiegħek
Żejjint il-maqdes ħlejju; jekk b'għeġejjel
U b'ngħaġ sebbaħt l-imdabaħ safja w mfewħa,
Wettaqli xewqti mnikkta. Mhux li l-Griegi
Bi dmugħ ta' demm iħallsu għaċ-ċanfira,
U l-vleġeġ tiegħek fosthom ħerba jnisslu!"
Hekk qal x'ħin talab. Semgħu Febu w niżel
Minn trufijiet Olimpus jilheġ b'għadab,
Bil-qaws fuq kitfu w b'watar mimli vleġeġ.
Tkarwit tal-waħx instema' tul mixjitu
Ma' kullimkien idamdam; biża' nxtered
Qalb l-imgħaġġbin b'għajnejhom igħarrxu l-beraħ,
U bħal imherwla jsaqsu bla ma jwieġbu
Sakemm qajl qajl bħal f'lejl mudlam inħafnu.
Quddiem pruwiet ix-xwieni l-alla twaqqaf,
U q'għad bla ħniena jxewlaħ 'l hinn il-vleġeġ.
U twaħħdu l-ħsejjes taż-żarżir imqaddeb
Mal-fewġa rqiqa tal-għoljiet għariba
Bix-xrar jittajjar minn ġol-qaws imfidded!
Għad-dwieb u l-klieb tal-ġiri ħabat l-ewwel,
U wara q'għad inaqqi ż-żgħażagħ griegi
Bil-vleġeġ mogħnijin bi rjus qattiela.
Għalhekk fl-inħawi kollha, qrib u mbiegħda,
Il-ħġejjeġ tkebbsu bl-iġsma tal-maqtula.
Disat ijiem inxteħtu fost il-Griegi
Ta' l-alla l-vleġeġ. Biex flimkien jiltaqgħu,
Fi l-għaxar jum, Akille l-kbarat laqqa'
Għax it-tagħrif li kellu lilu ngħata
Mis-sbejħa Ġuno, tad-dirgħajn bajdana,
Għall-Griegi miġruħin ħanina w mbikkma.
Kif waslu lkoll u f'ġemgħa tqawru, f'nofshom
Bil-wieqfa qam Akille w qal ħabrieki:
"Ja bin Atrew, jien tabilħaqq qed nifhem
Li għandna nxewlu fis lejn art twelidna.
Jekk lanqas biss mill-mard m'aħniex meħlusa!
Għax ġlied u mard, it-tnejn għedewwa kiefra,

Flimkien jegħlbuna. Isaw, dikment infittxu
Bassar nistaqsu, jew qassis, jew bniedem
Li l-ħolm ifisser, għax ukoll minn Gove
Il-ħolm jaslilna, biex bla ħabi juri
Għaliex t'Apollo l-għadab b'hekk ħruxija.
Jew jekk b'nuqqas ta' talb; b'debħiet imwaħħra;
Qigħedx jixlina l-alla; u waqt li jilqa'
Debħiet ta' ngħaġ u baqar li nagħżlulu.
Ibigħedx minna l-mard li lkoll ħakimna".
Kif temm bilqiegħda ntasab. Dlonk ix-xwejjaħ
Kalkante, bin Testorju, qam bilwieqfa,
Fost il-bassara l-egħref. Xejn għal għaqlu
Mistur, li hu, li kien, jew tal-ġejjieni!
U għax imżejjen kien b'qawwiet ta' nabi,
Imħiba xierqa lilu minn Apollo,
Lix-xwieni griegi wennes kien lejn Trojja.
Fin-nofs tal-ġemgħa ħareġ kemm jitħarrek
Iwieżen kliemu mtaqqal b'għerf u b'sabar.
"F'imħabbet Gove, Akille ta' qalb twajba,
Tixtieq li tas-setgħan qawwas Apollo
Bi l-għadab ngħarrfek dlonk? Naqdik jien bilġri.
Ta' driegħek u ta' kelmtek kull għajnuna
Minn qabel kollox aħlef li tagħtini,
Għax dak li hawn qed jaħkem fuq nies Argo
B'kull jedd ta' setgħa, ukoll mill-Griegi mbiġġel,
Jitħarrax jista' wara li ntemm kliemi.
Kull darba li s-setgħan mad-dgħajjef tmeżmeż
Leħħet mibegħdtu liġġem biss bid-dieher
Sakemm il-waqt tal-ħlas mistenni jasal.
Tħarisni minn kull hemm nitolbok twegħidni".
"La tibża' xejn titkellem, xwejjaħ għaref",
Akille wieġeb, "u l-miġmugħ ta' qalbek,
Ikun xi jkun, bla dieqa xandru. Naħlef
B'Apollo, b'dak li lilek xejn ma jċaħħad,
U l-għamad tal-mitur iċarrat ħesrem
Biex b'fommok ħieles, nabi, tfissirhulna.
Għalhekk b'Apollo, wisq għażiż għal Gove,
Naħliflek bla tlaqliq. Sakemm jibqagħli
Go fija ħjiel ta' ħajja w dehen ta' bniedem
Ħadd minna hawn, quddiem ix-xwieni, lilek
Ma jdarrab, jew iġerraħ, jew inassas,
Ukoll jekk kliemek jolqot 'l Agamemnon,
Li fost is-srabat igħid li hu l-aqwa wieħed".
Għalhekk ħa r-ruħ it-twajjeb nabi w tkellem:
"Mhux għad-debħiet li nqasna nagħtu 'l alla,
Jew għal wegħdietna fiergħa r'għex u tgħaddab,
Iżda għat-tgħajjir li qabel Agamemnon
Bla rażan ta lix-xwejjaħ nabi tiegħu
Li hawn biex jifdi 'l bintu ġie, u mżarġan
Il-fidwa ċaħad. Din il-ħtija kollha

Ta' l-għawġ u n-niket, u ta' mwiet kotrana
Li fil-ġejjieni għad jimlew it-tined,
Għalina maħsubin mill-qaws imqaddes,
Jekk dellu mtaqqal biex igħaddibna jibqa'
Idallam triqtna lejl u nhar bla hedu;
U ma tintbagħatx it-tfajla, minnu mħarsa,
Bla raħan mifdija, f'ħdan maħbub missierha;
U debħa għal Krisa titlaq ta' mitt bhima.
X'aktarx, imb'għad, li b'hekk lill-alla nogħġbu,
U hu jaħfrilna w l-għadab mqabbas jinsa,
U strieħ x'ħin temm. T'Atrew il-meħjel kburi
Sultan fuqani twaqqaf Agamemnon
Tassew mikdud. U sidru bl-għira tħarħar,
U bħal ġamriet ta' nar għajnejh fis żebbġu:
X'ħin sammar ħarstu fuq Kalkante w beda:
Ja nabi tat-tmaqdir, qatt l-ićken klejma
Minn fommok ħarġet li xi ħadd laqagħha!
Għal qalbek kiefra dejjem kien wisq ħlejju
Li tbassar kliem il-hemm! Bla qima w siwi
Twiddibek jibqa' kif ukoll tbassirek!
U int, hawnhekk, lill-Griegi jemmnu tridhom
Li mhux għajr Febu li qed idarrabhom
Għax kont jien biss li ċħadt tat-tfajla s-sbejħa,
Bint Krise, il-fidwa! Xeħewa kelli jiena
Li fl-għana nżommha miegħi, għax għalija,
Ukoll lil Klitemnestra, li f'żgħożitha
B'għarusti w b'marti ħadt, bilwisq hi tisboq.
Xejn anqas f'surtha sbejħa, jew fil-ħila
Tan-newl u r-rakkmu mħarrġa, xogħol in-nisa!
Tinħeles iżda jekk din l-aħjar ħalla,
Għax jien il-ġid infittex, mhux il-qirda
Tal-ġnus miġburin taħti. Hejju iżda
Malajr il-ħlas, għax fost il-Griegi waħdi
Bla ħlas li nibqa' qajla x-xewqa tiegħi!
U lanqas ma jkun sewwa li dil-ġawhra
Li ksibt, araw, tinsteraq minn idejja"!
"Tassew int rgħib kif tabilħaqq int kburi,
Atrew qalbieni" wieġbu hemm Akille.
"Ħlas kbir għalik inwarrbu w b'liema għożża
Qlubitek tkun imfakkra! S'issa jiena
B'ħażniet ta' ġid ma nafx li mhux imqassam!
Għax ta' l-ibliet mirbuħa r-rahan ittieħed,
U xejn m'hu xieraq li mill-ġdid jinġabar
Għal tqassim ieħor xejn mixtieq mill-għaqda!
Imm'int ibgħatha lil ilsirtek sbejħa,
U tara kif fil-jum li Ġove jtina
L-imkabbra Trojja nirbħu, dejna miegħek
Ikun tassew bla tmiem, u jkun jixraqlek".
U lilu bin Atrew: "Tiddiħakx bija,
Għalkemm meqjus fi kliemek, u f'dil-ħaġa

Għemili la żżeblaħx, meqjum Akille,
U la ġġegħelnix għal kliemek rasi mmil,
Mel'int se żżomm ħażnietek, u jmiss lili
Li waħdi niċħad tiegħi! U fuq kollox
Twiddibni wkoll li t-tfajla tintb'għat lura!
U hekk isir. Jeħtieġ li l-Griegi flokha
Ilsira oħra jtuni, li tkun tiswa
Daqs dik li għandi, u xewqti taqta' bħalha!
Imm'hekk tonqsuni, żgur li jien nisraqha,
Sew jekk tkun dik t'Ajaċe, jew t'Ulisse,
Jew jekk ukoll tkun tiegħek. 'L min nisraqha
Xejn ma jiswielu jekk bil-għadab jirgħex
X'ħin b'setgħa ta' sultan f'għarixu nidħol!
Fuqek biżżejjed. Fis jitgħammar xini
B'qaddiefa mħarrġa, u fit-tbaħħir imġarrab,
U titla' fuqu, mad-debħiet ta' bhejjem.
Bint Krise s-sbejħa, ta' ħaddejha ħomor.
U x-xini jmexxi fuq mewġiet il-baħar
Xi wieħed mill-kbarat qalbiena tagħna,
Ajaċe, jew Idomenew setgħani,
Inkella Ulisse mill-allat imnissel,
Jew int ukoll, bil-wisq qalil Akille,
Biex b'riħt dil-wirja tal-meqjum din tagħna
Jithenna l-alla li mill-bogħod jgħakkisna".
Qalila ħarsa tah Akille w wieġbu:
"Ja ruħ bla xejn mistħija, ruħ bla xaba'
Min qatt fost wild il-Griegi jkun hekk ġifa
Li jqim amarek, jew minn għantha x-xafra
Habrieki jislet biex jaqdik f'tnassisek?!
Jew jagħti ħajtu għalik f'xi silta oħra?!
Hawnhekk ma ġejtx b'mibegħda għan-nies ta' Trojja!
Jien le! Ma sibt qatt fihom l-iċken ħtija!
La żwiemel, jew merħliet qatt lili serqu,
U lanqas qaċċtu w ħarbtu wċuh ir-raba'
Għammiel u saqwi ta' l-imgħammara Ftija!
Għax bosta għoljiet dellija hemm bejnietna,
U ixqfa t'ibħra mqallba jifirduna!
Għall-qligħ waħdani tiegħek biss, ja sfieqi,
U biex inġeddu ġieh ħuk Menelao,
Flimkien ma' tiegħek, ja gemgmumi mgħajjeb,
Baħħarna s'hawn warajk, u sa xtut Trojja
Biex tiġbor dejn ta' qerq wennisna triqtek.
U l-lum qed tkasbar bla meqjus għemili
U tgħaffġu taħt saqajk! U thedded lili
Bis-serq ta' ġidi, ħidma t'għaraq ġbini,
Li l-Griegi tawni b'ħajr u b'ħlas waħdani!
Ma kont nistħajlu qatt li jkun daqs tiegħek
Fil-jum li l-Griegi jirbħu l-għanja Trojja
Għalkemm hu akbar sehmi f'dal-ħbit kiefer!
Kull meta r-rebħ ikun bejnietna mqassam

Tkun tiegħek l-ikbar, l-iċken dejjem tiegħi,
U jkolli ngħożżha bla ma rrid il-kisba!
U x'sewa qatt li ngerger lura f'triqti,
Mifluġ bil-għeja, u b'ħwejġi kollha dmija,
Xewqan għal soddti biex fl-irqad nisteqjer?
Għal Ftija nitlaq bla ma xejn naħsibha
Għax aktar jiswa nbaħħar lura għal arti,
Hakkiem ta' niesi w ħieles minn kull rabta,
Flok nogqħod hawn, qaddej, ġemmiegħ imżeblaħ
Ta' għana w ġid għal bniedem li jkasbarni".